NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

*Marzu - April 1992* Nru. 65

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# DAK LI GĦANDEK TAGĦMEL AGĦMLU MALAJR!

Dan l-aħħar ġiet f'idejja din l-istorja, li naħseb hija addattata għal dan iż-żmien tar-Randan.

Darba waħda f'belt importanti ġewwa l-Ewropa kien hemm żewġt iħbieb. Ħbieb tal-qalb, iżda b'differenzaa bejniethom. Wieħed sinjurun mill-aqwa u kien jgħix ġewwa villa kbira u lussuża, filwaqt li l-ieħor kien fqir għall-aħħar u jgħix f'gorboġ żgħir u abbandunat.

Darba, il-fqir mar għand is-sinjur u qallu: "Ser indumu ftit taż-żmien sew qabel ma nerġgħu naraw lil xulxin, għaliex ddeċidejt li nitlaq fuq vjaġġ twil, bil-mixi. Irrid immur nżur mitt santwarju kbir tal-Madonna. Nitolbok tiftakar fija fit-talb".

U x'sejjer tieħu miegħek għall-vjaġġ bħal dan?" staqsa l-ħabib sinjur.

"Xejn! Tazza biex nixrob u daqsxejn ta' plattina biex fiha npoġġi l-ikel", wieġeb il-fqajjar.

Is-Sinjur baqa' mistagħġeb b'dak li sama' u ħares lejh bl-ikrah: "Jidhirli li m'intix serju wisq biex tagħmel vjaġġ bħal dan b'dan il-mod. Jiena ukoll ser nibda vjaġġ biex inżur il-mitt santwarju l-iktar importanti tad-dinja, iżda żgur li ma nċċaqlaqx minn hawn qabel ma nkun ċert li jkolli miegħi dak kollu li jkolli bżonn"

*ikompli f'paġna 2*

## STATWA ĠDIDA TAR-REDENTUR GĦALL-PUĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA



**Ftit ġranet ilu waslet fostna l-istatwa ġdida tar-Redentur li din is-sena ser tinġarr għall-ewwel darba fil-puċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din l-istatwa hija xogħol ta' l-istatwarju l-Kav, Alfred Camilleri Cauchi u saret fuq l-inizjattiva tas-Sur Anthony Xuereb li ħallas għaliha.Sakemm tkunu qed taqraw din il-ħarġa tar-rivista l-istatwa tkun ġa ħadet postha mal-kumplament ta' l-istatwi l-oħra fil-Bażilika u tkun ġiet imbierka minn Mons Isqof Nikol Cauchi wara pellegrinaġġ f'forma ta' Via Sagra u Konċelebrazzjoni fil-Bażilika tagħna.Il-Komunita' Parrokkjali kif ukoll il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira jixtieq irodd ħajr lis-Sur Xuereb tar-rigal tant sabieħ li għamel lill-parroċċa tagħna u li żgur ser ikompli jkabbar id-devozzjoni lejn ir-Redentur fil-Parroċċa.**

IL-BELT
VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet* *ikompli mill-ewwel paġna*

Għaddew sentejn. Il-fqir reġa lura d-dar, u mar iżur lil ħabibu s-sinjur biex jirrakkuntalu l-esperjenza kbira tiegħu waqt li żar il-mitt santwarju....Is-sinjur deher daqsxejn imfantas u kellu jistqarr:"Heqq! Jiena għadni ma tħarriktx minn hawn. Għadni niġbor l-affarijiet għall-vjaġġ".

Kos, kif jaħdem moħħ il-bniedem. Iblah li hu, ħela sentejn jara li ma jkun jonqsu xejn fil-vjaġġ u safrattant baqa' ma ra xejn. Mentri l-fqir, dak li ma kellu xejn, u li ma ppretenda xejn laħaq il-mira tiegħu.

Min jaf aħna kemm għaddejna minn esperjenza taqbel ma din! Min jaf kemm kellna nagħmlu affarijiet u nħallu mill-lum għal għada, daqqa bi skuża u daqqa b'oħra.

Min jaf kemm smajna priedki li fetħulna għajnejna u wissewna x'hemm bżonn li jsir biex ngħixu kuntenti, u aħna nibżgħu mmiddu l-ewwel pass; nibżgħu li ma nirnexxux; nibżgħu nħollu l-irbit li kien jorbotna u jxekkilna. Mill-banda l-oħra min jaf kemm nies bħalna ħassewhom ħielsa li jagħmlu dak li Alla jkun nebbaħhom, u tarahom f'qasir żmien kuntenti bil-pass li jkunu għamlu.

Qegħdin fir-Randan, anzi fl-aħħar parti tiegħu. Ċert li int ukoll trid tiċċelebra l-Festa Kbira tal-Qawmien ta' Kristu mill-Mewt. Jista' jkun li għadek ttella' u tniżżel xi trid tagħmel fil-jiem li baqa' biex verament tiċċelebra kif jixraq din il-festa. Tħallix lix-xitan itellfek. Tagħmilx bħal dak is-sinjur li għereq fil-ġid li kellu u baqa' d-dar bla ma gawda xejn, filwaqt li sieħbu l-fqir irnexxielu jdur dawra mad-dinja.

Tinsiex: għada ma jasal qatt! Jekk toqgħod tħalli ser tibqa' fejn int; u dnub jaħasra, meta bi sforz żgħir tista' tgawdi ħafna.

Nixteqilkom ilkoll f'ismi kif ukoll f'isem il-membri kollha tal-Kapitlu Ġorġjan kif ukoll tal-Presbyterium u l-Kunsill Parrokkjal l-Għid it-Tajjeb. J'Alla Kristu Rxuxtat inissel hena u sliem fil-qalb tagħkom ilkoll. *L-Arċipriet*

## editorjal

# MONS ISQOF NIKOL ĠUŻEPPI CAUCHI ISQOF T'GĦAWDEX U DEKAN TAL-KAPITLU TAL-KOLLEĠĠJATA TAGĦNA

Ma nistgħux ma ningħaqdux ma' l-Għawdxin kollha biex aħna wkoll nixtiequ minn qalbna "AD MULTOS ANNOS" lill-Eċċ.Tiegħu Mons Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi fl-okkażżjoni tal-ħamsa u għoxrin aniversarju bħala Isqof kif ukoll f'egħluq it-tletin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Il-Parroċċa tagħna hija fid-dmir li twassal l-awguri tagħha lill-isqof tad-Djoċesi mhux biss għalhekk imma wkoll għax Mons Isqof Nikol Cauchi huwa wkoll id-Dekan u l-Għola Dinjita' tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħhna. Kien Mons Isqof Cauchi li b'Digriet bid-data tat-8 ta' Diċembru 1975n għolla għad-Dinjita' ta' Kolleġġjata l-Parroċċa tagħna u f'dak id-digriet żamm għalih u għas-suċċessuri tiegħu l-post ta' Dekan u l-għola dinjita' fil-Kapitlu Ġorġjan.

Mons Isqof Cauchi kien għalhekk dak il-bniedem li ta' lil-parroċċa tagħna dak li b'ġustizzja għal tant u tant snin kienet ilha tinsisti u titħabat għalih. Oltre dan fi żmien Mons Isqof Cauchi l-Parroċċa tagħna xxierket ukoll mall-Arċibażilika ta' San Giovanni in Laterano ġewwa Ruma b'Digriet tal-Kapitlu Lateranensi ta' l-10 ta' Marzu 1968.

Iżda l-awguri tagħna lill-Mons Isqof mhux qed nagħmluhom biss minħabba r-rabta speċjali li għandu mal-parroċċa tagħna, imma wkol għax bħala Isqof Djoċesan inħossuna fid-dmir li ngħamluh.Dan id-dmir għandhom iħossuh l-insara kolha tad-djoċesi u jħarsu lejn Mons Isqof bħala r-rappreżentant tal-Papa fostna u bħala l-missier u r-ragħaj tagħna.

F'Isem il-komunita' parokkjali, f'isem il-Board Editorjali tar-Rivista tagħna nixtiequ lill-Mons Isqof Nikol Cauchi kull ġid u ħidma fid-Djoċesi tagħna u minn qalbna mill-ġdid nixtiequlu AD MULTOS ANNOS.

# SOLLENNITA' LITURGIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI

Din is-sèna s-sollennita' liturġika tal-Patrun t'Għawdex u tal-Parroċċa tagħnaSan Ġorġ Martri ser tiġi ċċelebrata nhar it-Tnejn 27 ta' April, billi t-23 ta' April jaħbat fl-Ottava ta' l-Għid.



Jixraq li l-membri kollha tal-komunita' parrokkjali jqaddsu dan il-jum għażiż billi jżuru lill-Patrun tagħna fil-Bażilika tiegħu u jisimgħu l-quddies u jitqarrbnu. San Ġorġ dejjem sibnieħ fil-bżonnijiet tagħna kif tixhed l-istorja ta' gżiritna. Għalhekk jixraq li f'dan il-jum nersqu bil-qima lejh u nitolbuh jżomm ħarstu fuq gżiritna, fuq il-parroċċa tagħna, fuq il-familji tagħna, fuq-ż-żgħażagħ tagħna u fuq il-morda tagħna biex nibqgħu ngħożżu u niddefendu bħalu l-Fidi Nisranija li għaddewlna missirijietna.

Il-Ladies Society tal-Parroċċa ser torganiżża bħas-soltu l-ikla ta' Jum San Ġorġ il-Ħadd 26 ta' April u l-Banda "La Stella" tagħmel marċ brijuż fis-7.00pm.


## ASTRA TOURS '92

**Tour 1.** From 27th July to 10th August
**SPAIN - FRANCE - PORTUGAL**
*Visiting:* Fatima, Lourdes, Madrid, Loyola, Avila etc.
By Air: MALTA /MADRID / MALTA

**Tour 2.** From 6th August to 20th August
**GERMANY - SCANDINAVIA**
*Visiting:* Copenhagen, Stockholm,Oslo, Fiords District, Fulda, Gottingen, Frankfurt etc.
By Air: MALTA / FRANKFURT / MALTA

**Tour 3.** From 17th to 24th August
**TURKEY** – *Shopping in Istanbul*
By Air: MALTA /ISTANBUL / MALTA

*John Portelli Ent.* Tel: 561212 *Paul M.Cassar:* Tel: 551004


# JITKOMPLEW IL-BRADELLI TAL-ISTATWI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Din is-sena ser jitkomplew il-bradelli tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira u b'hekk issa l-istatwi kollha ser ikollhom bankun ġdid. Dawn saru fuq l-istess disinn ta' qabel u nħadmu wkoll minn Joseph Attard Sillato mill-Belt Victoria. Waħda minnhom inġabret bl-inizjattiva ta' Mrs. Giorgia Schembri.

## Stellarju tal-Fidda ghad-Duluri

**Din is-sena l-istatwa tad-Dulri ser ikollha stellarju ġdid tal-fidda mogħti mis-Sur Ġorġ Farrugia u l-familja tiegħu.** *Is-Sur Farrugia jidher jippreżenta l-istellarju lil Mons Arċipriet.*



## IKLA TA' JUM SAN GORG

**Il-Ħadd 26 ta' April 1992**
**fin-12.30pm**
**fl-ANDAR HOTEL**

***Biljetti mingħand il-membri tal-Ladies Society u mill-Uffiċċju Parrokkjali***

## Il-Kor Laudate Pueri

*Il-Flower Festival li s-sena li għaddiet inżamm fl-Imdina din is-sena ser isir fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Fil-ftuħ ta' dan il-Festival li ser isir nhar it-Tlieta 14 ta' April li ġej ser jinżamm pellegrinaġġ penitanzjali mill-knisja ta' Ġieżu l-Belt sal-Konkatidral ta' San Gwann. Fil-Konkatidral ser jinżamm "Son et Luniere" bil-parteċipazzjoni tal-kor Laudate Pueri li ser jesegwixxi kant polifoniku klassiku adattat għaż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa.*



*Illum ser inwasslulkom żewġ ħsebijiet oħra minn sensiela ta'*
*għad-Djocesi tiegħu. Huwa ried iwassal lill-familji kollha ta'*
*li jsegwu aħjar lil uliedhom u jgħinuhom jagħtu tweġiba għa*

# IL-FUTUR T

ħsebij

## 3 Ħsieb:

## IT-TNAX IL-BIRTHDAY

Meta jkunu qed jiċċelebraw l-egħluq it-tlett snin ta' l-ewwel tifel tagħhom, il-ġenituri jagħmlu jew jixtru xi ħelu speċjali u saħansitra jistiednu xi tfal żgħar ħbieb tiegħu u anke, xi qrabat jiġu u jieħdu sehem. Jibdew jgħidu f'qalbhom: "Qisu l-bieraħ, meta twieled! U diġa kiber!".

Meta jfakkru l-egħluq it-tnax-il sena, il-festa ssir aktar brijuża, storbjuża u r-rigali jiswew iżjed. Il-ġenituri jkunu qishom xi ħaġa żejda fost dawk il-ħafna ġiri u logħob tat-tfal. Safrattant, ikomplu jtennu f'qalbhom: "Għadu tifel!"

Fil-fatt, jum il-Birthday, huwa jum biex nieklu kull xorta ta' ħelu u biex naqilgħu xi logħbiet sofistikati. Huwa jum, li fih il-ġenituri jagħtu kull ħaġa li jitolbuhom uliedhom, filwaqt li huma jibqgħu ma jitolbu xejn.

Xi kultant, kważi kważi jkollok taħseb, li l-ġenituri jkunu jridu jaqflu lill-uliedhom fit-tfulija tagħhom: iriduhom jibqgħu tfal, sbieħ, ħelwin, simpatiċi u kunfidenti.

Dejjem ikun hemm it-tentazzjoni moħbija ta' strumentalizzazzjoni: tifel jimla' d-dar u l-ħajja; huwa rimedju għal tant solitudni u frustrazzjonijiet li l-ħajja tal-koppja jkollha tħabbat wiċċha magħhom; jidher ukoll li sakemm jibqa' żgħir u jkun għall-kenn kontra t-theddid minaċċjuż ta' soċjeta' marida.

Mentri jum egħluq is-snin jista jkun okkażżjoni biex wieħed jittendi li ibnu qiegħed kulma jmur isir raġel u t-tifla qed issir mara: u forsi, meta l-ħbieb jitilqu lejn darhom u jkunu spiċċaw l-awguri u r-radd il-ħajr, propju f'dik il-lejla ta' l-egħluq it-tnax-il sena, jista jkun il-mument opportun biex nfittxu djalogu iżjed serju u nagħtu ħarsa lejn il-futur, u nitolbu ftit flimkien, sabiex tiġi s-Saltna t'Alla u tintagħmel ir-rieda tal-Missier.

Ġesù meta kellu tnax-il sena, bil-waqfa tiegħu fit-Tempju u bid-dikjarazzjoni tiegħu ta' ubbidjenza lejn Alla, ġiegħel lil ommu Marija tieqaf taħseb. Il-programm ta' ħajtu kien diġa deċiż b'dawk il-kelmiet li qal:"Mela ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?' (Lq.2,49)

U ħafna mis-saċerdoti li qed jaħdmu ġo Milan jiftakru li ta' tnax il-sena kienu diġa qabdu l-mixja tagħhom. Barra minn hekk, anke llum, grupp żgħir ħafna ta' subien fis-Seminarju ta' Masnago u fl-iskejjel vokazzjonali ta' Lecco u ta' Saronno jfakkruna li anke ta' tnax-il sena huwa possibbli li wieħed jilqa' l-istedina għall- proġett kuraġġjuż u jsib il-qawwa għaċ-ċaħdiet meħtieġa.

Jiena naħseb li qed nara fost il-ġenituri li qe jaqraw dan li ktibtilhom, ċertu sens ta' stagħġib, kważi kważi qed ngħid affarijiet li ma jitwemmnux. Iżda rridu naħsbu ftit liema għajnuna tikseb il-liberta' żagħżugħa permezz ta' ħarsien attent u mimli proposti li qed jiġu mogħtija fis-Seminarju lil min jixtieq jikkunsidra serjament il-proposta tal-vokazzjoni.

Ħafna ġenituri jfittxu li uliedhom jitgħallmu malajr l-Ingliż, għaliex dan jista' jiswielhom għal meta jikbru. Hi ħaġa tajba ukoll li wieħed jistudja l-pjanu, jitgħallem l-ewwel passi taż-żfin u li jmur għat-training ma' xi team tal-football. Uħud jibdew ibejjtu ċertu xewqat u ħolm li f'darhom ikollhom xi champion: anke jekk dan il-ħolm iżommuh mistur mill-oħrajn.

Mentri l-istediniet li jsiru għas-smiegħ iżjed attent tal-Kelma, għal riflessjoni iktar serja fuq il-vokazzjoni jsibu indifferenza liema bħalha, jekk mhux ukoll ostakli u diffidenza. Jidher li iktar hemm fiduċja fil-coach tal-football, milli lejn il-premura tradizzjonali tal-Knisja ta' Milan għaż-żgħażagħ.

Mhux rari l-fatt li d-delużjoni hija l-frott ta' tant attenzjoni biex liż-żgħażagħ nagħtuhom il-mezzi utli biex jaffrontaw il-ħajja. Persuni li ġew mogħtija l-possibilita' li jagħmlu kollox, jibqgħu bla ħajja ma jagħmlu xejn u ma jafux għalfejn għandhom jagħmlu xi ħaġa.

Id-dinja ta' għada tibqa' tiġi abitata u l-Knisja tibqa' f'nofsna jekk aħna llum nitgħallmu nagħmlu lill-ġenerazzjonijiet żagħżugħa proposti li juru l-ħtieġa tal-Vanġelu, u jekk it-tfal, subien u bniet, jibdew minnufih jikkultivaw fihom ix-xewqa li jsiru kbar għaliex għandhom raġunijiet jittamaw li ma hemmx bnedmin żejda u inutli: **Il-Mulej li sejħilhom għall-ħajja jistenna ħafna minnhom.**

*għaxra li l-Kard. Carlo Maria Martini, Arċisqof ta' Milan kiteb Milan, b'mod speċjali lill-ġenituri, il-ħtieġa li huma għandhom l kull sejħa li Alla jagħmlilhom.*

# A' ULIEDNA

## iet sempliċi għal futur aħjar



### 4 Ħsieb:

## INHEJJU L-BAGALJI

Il-mument li fih irridu nħejju l-bagalji jitlob minna attenzjoni u ħila fl-organizzazzjoni. Issib ommijiet li għandhom il-ħila jiftakru f'kollox u jlestu kollox f'ordni mill-aqwa, b'tali mod li dik il-muntanja ta' affarijiet kollha indispensabbli, b'miraklu, kapaċi jpoġġuha fix-xejn tal-bagalja.

Uħud minnhom huma tassew esaġerati, u sabiex żgur ma jinqalgħalhom xejn, jġiegħlu lill-uliedhom jġorru magħhom basktijiet enormi, li matul ġimgħa sħiha fuq il-muntanji, żgur li ma jirnexxilhomx iħottuhom u jbattluhom. Naturalment, meta dawn iż-żgħażagħ jiġu biex jippakkjaw kollox, jħossuhom mhumiex kapaċi jqeghdu kollox fejn kien qabel, u tarahom, jew isolvu l-problema billi jinsew warajhom ġgieget u ġersijiet, jew inkella jixtru basktijiet oħra.

Jiġri x'jiġri, dejjem jibqa' il-fatt li biex tħejji l-bagalji għat-tluq hija biċċa xogħol delikata, għaliex jekk tinsa xi ħaġa, kapaċi toħloqlok ħafna kontra tempi. Għalhekk l-omm kull tant tieqaf tħares madwarha u ssaqsi lilha nnifisha: " Tgħid x'jonqsu iżjed ibni?"

Hu mument mill-iktar interessanti, għaliex it-tluq, kemm jekk ikun għal xi ħarġa ta' ġurnata organizzata mill-iskola, kemm jekk ikun għal xi ġimgħa fuq is-silġ, jew inkella safra ta' studju f'pajjiż barrani, iġiegħelna nagħmlu ħafna affarijiet indispensabbli. L-ebda tifel jew tifla ma jħallu warajhom il-casettes tal-mużika li jridu jisimgħu waqt il-vjaġġ, jew inkella l-indirizzi ta' dawk li jkunu jridu jibgħatulhom kartolina mill-post li jkunu fih

Il-ġenituri jtennu l-intenzjonijiet edukattivi tagħhom anke waqt li jkunu. jħejju l-bagalji: omm mħassba dwar saħħet uliedha tagħtihom pilloli kontra kull influwenza; oħra tiktbilhom numru bla għadd ta' indirizzi għax ma tafx x'jista' jinqala'. Fl-għażla tal-ħwejjeġ joqgħodu attenti aktar li l-ħwejjeġ li jieħdu jaqtgħu figura sabiħa bihom milli jekk humiex komdi biex wieħed jaqbad u jintafa' fl-art bihom. Oħrajn li jafu l-gosti ta' binthom arahom jdeffsu boroż mimlija karamelli, jew iħejju xkejjer mimlija "gettoni" biex ikunu jistgħu jċemplu d-dar.

U b'daqshekk taħseb li lestejt kollox?

Hi ħaġa tassew li tnikktek jekk omm u missier jaħsbu li lil binhom li sejjer vaganza jistgħu jagħtuh biss gwardarobba mimlija ħwejjeġ, flus għal "dak kollu li jista' jinqala" u l-possibilita' li jaqta' kull xewqa li jista jkollu.

Il-ġenituri huma kuntenti li jaraw li uliedhom, hekk kif jiġbru ħwejjiġhom, ma jinsewx jieħdu magħhom ukoll xi ktieb għall-qari jew xi ktejjeb tal-Vanġelu li jkunu qalgħu meta għamlu l-pleġġ tal-ħajja nisranija.

Iżda jekk it-tfal fil-konfużjoni tat-tħejjijiet jinsew dan kollu, il-ġenituri għandhom isibu l-mod u l-kliem biex ifakkruhom, fuq kollox jekk hija drawwa fil-familja li kapaċi jirbħu ċertu mistħija u kapaċi jaraw u jgħidu dak kollu li hu ta' ħtieġa.

Il-ġenituri huma konvinti li hija ħaġa perikuluża li taċċetta li fil-ħajja ta' tifel jew tifla jkun hemm ċerti parentesi li fihom wieħed jista' jagħmel kollox, u f'isem l-imħabba lejn il-kumpannija li fiha jkun, jinsa' kull impenn u jgħix biss b'kull kumdita'.

Ktieb għall- qari hu stedina biex ma jħallatx il-ħin liberu mal-għass; jitma' l-intelliġenza b'affarijiet siewja, ħsebijiet tajba u xi drawwiet ta' riflessjoni li tagħmlu iktar ħieles.

Il-Ktieb tal-Vanġelu jagħti fedelta' ta' kuljum lejn il-Kelma li tmexxi l-passi tagħna u ddawwal l-għażliet tagħna, anke meta ma jkunux taħt għajnejn il-ġenituri, jew fi ħdan komunita' żagħżugħa nisranija tajba.

B'hekk tkun tista' timmatura personalita' kapaċi tfendi għal rasha u l-Kelma ta' Ġesu', li jrid li d-dixxipli tiegħu jkunu "melħ ta' l-art", issir realta'. L-eta' żagħżugħa ma teħlisx lil min irċieva l-grazzja ta' nisrani milli jħossu fid-dmir, hu fejn hu li jagħti xhieda tal-Mulej u tal-Vanġelu tiegħu.

Anke permezz ta' għażliet żgħar li jiswew battuti sarkastiċi matul il-ġita jew il-camping, it-tifel jew tifla jaslu li jifhmu kemm hu diffiċli u urġenti nqarrbu l-ħbieb lejn il-Kelma ta' Ġesu' u l-ħajja tal-Knisja.

Hemm min warrab imweġġa' quddiem is-superfiċjalita' tal-biki tal-grupp li jkun fih, u jipprova jnessihom li hu "għadu jmur l-Oratorju". Hemm ukoll min jiġi mressaq lejn talba intensa ta' interċessjoni u forsi jasal ukoll li jsaqsi lilu nnifsu: **"Nista f'ħajti nagħmel xi ħaġa iżjed għalihom?"**

# SUĊĊESS IEĦOR FIL-KARNIVAL MIS-SOĊJETA' "LA STELLA"

Din is-sena wkoll il-karnival ġab miegħu suċċess ieħor għas-Soċjeta' Filarmonika "La Stella". Iż-żewġ items li s-soċjeta' kienet rappreżentata bihom fil-konkorsi ta' din is-sena kisbu t-tifħir ta' dawk kolha li imlew l-Enclosure fil-jiem tal-Karnival, tant li t-tnejn li huma ġew dikjarati fl-EWWEL POST fil-kategoriji rispettivi tagħhom.



*Il-Karru Trijonfali "Fun in the Sun"*

Il-BandaLa Stella din is-sena ħadet sehem flimkien ma' baned oħra Għawdxin taħt l-isem "Mill-Kajr, min-Nil...Stilel Ġejjin!" Il-Banda kienet fiha għaxqa b'kostum ġdid, stil Eġizzjan, imżewwaq b'tant kuluri, u tabilħaq ma kienet xejn sorpriża li tispikka waħidha fost il-baned l-oħra kollha.



*Il-Banda "La Stella" fl-enclosure, bl-isem "Mill-Kajr, min-Nil...Stilel Ġejjin"*

Fis-sezzjoni tal-Karri Trijonfali kellna l-karru "Fun in the Sun" li minkejja kompetizzjoni iebsa minn tliet floats oħra spiċċa biex kiseb l-għola punti tal-ġurija. Dan kollu kien riżultat ieħor meritat meta wieħed iqis il-ħafna movimenti sbieħ li kien fih, flimkien mal-kobor, ilwien, finezza u s-suġġett karnivalesk tiegħu.

Prosit lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex s-Soċjeta' setgħet toħroġ bl-unuri kollha fil-Karnival ta' din is-sena, partikolarment lis-sinjuri George Farrugia u Manwel Grima li kienu nkarigati mill-kostumi tal-Banda u lil Anthony Xuereb u sħabu kollha responsabbli mill-karru.


Creda NEW WORLD Miele Far smeg Fakir Edesa

The Best Home Appliances from the Best

Forestals (APPLIANCES) LTD.

Pope John Paul II Street, (On the Way to Ta' Pinu) Victoria, Gozo. Tel: 551234


# ÉLÉGIE

## CASSETTE TAPE ĠDID TA' MARĊI FUNEBRI MILL-BANDA ĊITTADINA "LA STELLA"

Fl-okkażżjoni tal-Purċissjoni devota tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorg - l-eqdem purċissjoni f'Għawdex- il-Banda Ċittadina "La Stella" għadha kif irreġistrat cassette tape ġdid ta' Marċi Funebri. Il-cassette jġib l-isem ÉLÉGIE.

Miġbura f'dan il-cassette insibu sett ta' tmien marċi, ilkoll kompożizzjoni tas-Surmast Direttur tal-Banda Joseph Vella. Il-biċċa l-kbira tal-marċi jfakkru l-memorja ta' uħud li fl-imgħoddi kienu assoċjati mill-qrib mas-Soċjeta' La Stella, fosthom Mro.Ġanni Vella, missier il-kopożitur u ex-Surmast Direttur tal-Banda, Ġanni Galea, ex-Kaxxier tal-Banda, u l-bandisti Joe Grech, Karmenu Farrugia, Capt. George Camilleri u Ninu Attard. Dawn il-marċi nkitbu esklussivament għall-Banda La Stella.

Fl-esekuzzjoni ta' dawn il-marċi l-Banda kienet taħt id-Direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. Ir-recording sar minn Sunny Galea waqt li l-kopji tal-cassettes inħadmu għand Ritz Recording Studio (Victoria).

Il-cassette jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin tad-diski f'Malta u Għawdex u mill-Każin tal-Banda La Stella.

## L-APPUNTAMENT TAS-SENA FL-ASTRA

# IDEAL HOME EXHIBITION

**Nhar il-ĠIMGĦA, is-SIBT u l-ĦADD**
**10, 11, 12 ta' APRIL 1992**

*DAK LI JONQSOK ID-DAR SER ISSIBU F'DIN L-EXHIBITION .......U B'IRHIS*

# RUKNA GHAT-TFAL

Għeżież tfal,

Ninsabu fl-aqwa tar-Randan, żmien ta' penitenza u talb, żmien ta' konverżjoni. Nittama li lkoll kemm intom ħsibtu biex tagħmlu xi ftit tas-sagrifiċċju, bħal ngħidu aħna, toqgħodu xi ftit 'il bogħod mill-ħelu, jew, forsi aħjar, turu aktar rispett lejn il-ġenituri tagħkom u tobduhom u tħobbuhom iżjed.

Tfal, illum irrid ngħidilkom storja, għax dan l-aħħar sirt naf b'xi tfal li jħobbu wisq jaraw id-difetti ta' ħaddieħor u jitkellmu fuqhom, bla ma jindunaw bid-difetti tagħhom stess.

Raġel kien mixli quddiem is-Sultan għax seraq ħobża u qatgħuhielu għall-mewt. Qabel ma l-bojja rabatlu l-ħabel m'għonqu, ir-raġel ried jgħid xi ħaġa. U ħallewh:

"Qabel toqtluni nixtieqkom tieħdu din iż-żerriegħa li għandi. Din iż-żerriegħa speċjali għax tinbet f'ġimgħa, u f'xahar tibda' tagħmel frott tassew bnin. għandi biss żerriegħa waħda u jekk titilfuha tkunu tliftuha għal dejjem għax fid-dinja m'hawnx bħalha. Imma ma rridx li din iż-żerriegħa tmut miegħi. Ħaġa waħda tridu tiftakru........li min jiżra ż-żerriegħa ma jkun irid seraq xejn f'ħajtu, għax inkella ma tinbitx u tkunu ħlejtuha għal dejjem. Tridu wkol tiżirgħuha qabel immut jien. Dan faċli għax ħdejna hawn ġnien!"

Il-bojja ħa ż-żerriegħa lid-delegat tas-Sultan u talbu jiżragħha. Da ġab l-iskuża li mhux tas-sengħa u għaddiha lill-gwardjan. Dan ukoll ma xtaqx jidħol fl-istorja u għaddiha lill-avukat tal-kuruna li kien preżenti. Anki dan għażel li jgħaddiha lil ħaddieħor u għalhekk din l-imbierka żerriegħa baqgħet iddur minn wieħed għall-ieħor sakemm ħadd ma ried jiżragħha. U l-ikkundannat qalilhom:

"Ħadd minnkom ma jrid jiżragħha għax meta tħarsu lura tintebħu li lkoll sraqtu ferm iktar milli sraqt jien. U jien il-ħobża sraqtha biex il-familja tiegħi ma tbatix għax kelli wliedi bil-ġuħ. U lili kkundannajtuni u intom bqajtu ħielsa!".

Qegħdin taraw, tfal? Ilkoll kemm aħna hemm x'tikkundanna fina u għaldaqstant m'għandna l-ebda dritt li nikkundannaw lil ħaddieħor!

Sa ma nerġgħu niltaqgħu darb'oħra, l-Għid it-Tajjeb lilkom u lill-familji tagħkom. U........tiklux wisq figolli!

*Tata'* *Iz- Ziju Peppi*


**PELLEGRINAĠĠ TAL-PARROĊĊA GĦALL-LOURDES**

**Mill-24 sas-27 ta' Awissu 1992**

**BAQA' BISS L-AĦĦAR SITT POSTIJIET**

***Għall kull informazzjoni kellmu lill-Arċipriet malajr kemm tistgħu***


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

*31.1.92:* CAROLINE, bint Francis Grima u Mary nee' Cauchi.

*14.3.92:* EMMA, bint Frankie Xuereb u Vickyann nee' Sultana.

*19.3.92:* JAUNESSE, bint Joseph Bezzina u Josephine nee' Micallef.

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

| | |
|---|---|
| 26.2.92: | GEORGIA XERRI |
| 7.3.92: | M'STELLA PORTELLI |
| 7.3.92: | CARMELO BUTTIGIEG |
| 13.3.92: | CARMELO SACCO |
| 13.3.92: | ANGELO AQUILINA |

## ĠBIR B'RISQ IS-SEMINARJU

*Matul it-tlett korsijiet ta' l-Eżerċizzi Mqaddsa saret il-ġabra b'risq is-Seminarju tagħna. Nixtieq f'isem ir-Rettur u s-Seminaristi nroddu ħajr lilkom ilkoll tal-għotja tagħkom:*

| | |
|---|---|
| Koppji Miżżewġa:........ | Lm388 |
| Kulħadd:..................... | Lm230 |
| Żgħażagħ:.................. | Lm147 |
| **TOTAL:** | **Lm 765** |


**BAZAAR TAL-FIGOLLI**

**Pjazza San Gorg**

**It-Tlieta, l-Erbgha u l-Hamis**

**7, 8, 9 t'April 1992**



# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

## Mid-12 sad-19 ta' April '92



### Il-Ħadd 12 ta' April
*Ħadd il-Palm*

F'Kull Quddiesa jsir it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ

**Fid-9.00am:** Quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali

**Fil-5.00pm:** Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ fiċ-Ċentru Parrokkjali u Purċissjoni għall-Bażilika fejn issir Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija minn Mons. Arċipriet.

**Fis-6.00pm:** Inawgurazzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli li tibqa' miftuħa sa nhar il-Ġimgħa fil-għodu.

### It-Tnejn 13 ta' April
*It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa*

**Fil-5.30pm:** Quddiesa u Via Sagra

**Fis-6.30pm:** Quddiesa

**Fis-7.15pm:** Kunċert ta' Marċi Funebri mill-Banda Ċittadina " LA STELLA" taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, Surmast Direttur

### It-Tlieta 14 ta' April
*It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa*

**Fil-5.00pm:** It-Tfal li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina jersqu għall-ewwel Qrara tagħhom. Mistiedna wkoll il-Ġenituri

**Fil-5.30pm:** Quddiesa u Via Sagra

**Fis-6.30pm:** Quddiesa

**Fis-7.00pm:** Slide Feature: " Il-Q.T. Ġwanni Pawlu II dwar il-Passjoni."

### L-Erbgħa 15 ta' April
*L-Erbgħa tat-Tniebri*

**Fil-5.30pm:** Quddiesa

**Fis-7.00pm:** VIA SAGRA solenni u Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika.

### Il-Ħamis 16 ta' April
*Ħamis ix-Xirka*

**Fis-6.30pm:** Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija minn Mons Arċipriet flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru li fiha jsir ukoll il-ħasil ta' riġlejn l-Appostli

Issir ir-Repożizzjoni tas-Santissimu Sagrament fisSepulkru.

**Fit-8.30pm:** Visti tas-Seba' Knejjes organiżżati mill-Fratellanza tal-Kurċifiss.

### Il-Ġimgħa 17 ta' April
*Il-Ġimgħa l-Kbira*

**Fit-8.00am:** Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbieħ il-Jum

**Fl-4.00pm:** Funzjoni Liturġika bil-qari tar-Rakkont tal-Passjoni, l-Adorazjoni u l-Bews tas-Salib u Tqarbin.

**Fis-6.00pm:** Tibda timmarċja l-Purċissjoni Tradizzjonali u Devota tal-Ġimgħa l-Kbira. Tieħu sehem il-Banda "La Stella" u ż-żewġ Korijiet tal-Parroċċa.

### Is-Sibt 18 ta' April
*Sibt il-Għid*

**Fit-8.00pm:** Funzjoni Liturġika bit-Tberik tan-Nar, it-Tħabbira ta' l-Għid, il- Qari u Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija minn Mons Arċipriet.

### Il-Ħadd 19 ta' April
*L-GĦID IL-KBIR*

**Fid-9.00am:** Konċelebrazzjoni Sollenni mill-Kapitlu u l-Kleru mmexxija minn Mons Arċipriet.

**Fl-10.30am:** Marċ Brijuż mill-Banda "La Stella" bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt.

**Fit-3.30pm:** Jibda t-Tberik tal-Familji għall-Żmien il-Għid.



A+M PRINTING LTD. -QALA